DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/997

tat-23 ta' Mejju 2025

dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri li jikkonċernaw in-nefqa fi ħdan il-Pjan Strateġiku tal-PAK iffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) fil-perjodu 2023 2027 għas-sena finanzjarja 2024

(notifikata bid-dokument C(2025) 3159)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 2021/2116 u abbażi tal-kontijiet annwali sottomessi mill-Istati Membri, li magħhom intbagħtet l-informazzjoni meħtieġa għall-approvazzjoni tal-kontijiet u opinjoni tal-awditjar dwar il-kompletezza, l-akkuratezza u l-veraċità tal-kontijiet u tar-rapporti stabbiliti mill-korpi ta' ċertifikazzjoni, il-Kummissjoni trid tapprova l-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament qabel il-31 ta' Mejju tas-sena li tiġi wara s-sena baġitarja inkwistjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2021/2116, is-sena finanzjarja tibda fis-16 ta' Ottubru tas-sena N-1 u tispiċċa fil-15 ta' Ottubru tas-sena N. Meta jiġu approvati l-kontijiet għas-sena finanzjarja 2024, bl-iskop li l-perjodu ta' referenza għan-nefqa tal-FAEŻR jiġi allinjat ma' dak tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, jenħtieġ li titqies in-nefqa mġarrba mill-Istati Membri bejn is-16 ta' Ottubru 2023 u l-15 ta' Ottubru 2024, f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/128 ([2]).

(3) L-Artikolu 35(2), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/128 jipprevedi li l-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati mingħand kull Stat Membru jew li jkunu pagabbli lilu, f'konformità mad-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 35(1) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, għandhom jiġu stabbiliti billi l-pagamenti intermedji għas-sena finanzjarja kkonċernata jitnaqqsu min-nefqa rikonoxxuta għal dik is-sena f'konformità ma' dak l-Artikolu 35(1). L-Artikolu 35(2), it-tielet subparagrafu, ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tnaqqas dak l-ammont mill-pagament intermedju li jmiss jew iżżidu miegħu.

(4) Il-Kummissjoni ċċekkjat l-informazzjoni li ssottomettew l-Istati Membri u kkomunikat ir-riżultati tal-iċċekkjar tagħha lill-Istati Membri, flimkien mal-emendi li qed tipproponi.

(5) Għall-aġenziji tal-pagamenti kollha, il-kontijiet annwali u d-dokumenti mehmuża magħhom jippermettu li l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni dwar il-kompletezza, l-akkuratezza u l-veraċità tal-kontijiet annwali sottomessi.

([1]) ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/128 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-verifiki, il-garanziji u t-trasparenza (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 131, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/128/oj).

(6) Ir-regoli dwar l-iskadenzi tal-pagamenti għall-miżuri taħt l-iżvilupp rurali fil-kuntest tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll prevista fl-Artikolu 44(2) tar-Regolament (UE) 2021/2116 japplikaw mis-sena tat-talba 2023. It-tnaqqisiet għan-nuqqas ta' konformità mal-aħħar skadenzi għall-pagamenti, ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 ([3]), iżommu mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2021/2116 u għandhom jitqiesu f'din id-Deċiżjoni għas-sena finanzjarja 2024. Meta jkun xieraq, dawk it-tnaqqisiet jistgħu jiġu eżaminati bil-proċeduri għall-approvazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) 2021/2116.

(7) F'konformità mal-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 2021/2116, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet li l-Kummissjoni jaf tieħu sussegwentement skont l-Artikoli 54 u 55 ta' dak ir-Regolament,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'dan, il-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri huma approvati fir-rigward tan-nefqa ffinanzjata fi ħdan il-Pjan Strateġiku tal-PAK mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) għas-sena finanzjarja 2024 u b'rabta mal-perjodu 2023-2027.

L-ammonti tal-FAEŻR rekuperabbli minn kull Stat Membru jew pagabbli lilhom fil-qafas tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għall-perjodu 2023-2027 skont din id-Deċiżjoni, huma stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

It-tnaqqisiet għan-nuqqas ta' konformità mal-aħħar skadenzi tal-pagamenti f'konformità mal-Artikolu 44(2) tar-Regolament (UE) 2021/2116 taħt kull Pjan Strateġiku tal-PAK huma stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet futuri dwar l-approvazzjoni tal-konformità li l-Kummissjoni af tieħu skont l-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) 2021/2116 biex teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni n-nefqa li ma tkunx saret f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, u għal deċiżjonijiet futuri dwar l-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni li l-Kummissjoni jaf tieħu skont l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116 biex teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni n-nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti kif irrapportat fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Christophe HANSEN
Membru tal-Kummissjoni

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/127/oj).

ANNESS I

Nefqa approvata tal-FAEŻR skont il-Pjan Strateġiku tal-PAK għas-sena finanzjarja (SF) 2024

Ammont li għandu jiġi rkuprat mingħand l-Istat Membru jew li għandu jitħallas lilu għal kull Pjan Strateġiku tal-PAK

Pjan Strateġiku tal-PAK approvat bin-nefqa dikjarata għall-FAEŻR 2023–2027

F'euro

Stat Membru	CCI	Nefqa għas-SF2024	Korrezzjoni-jiet	Total	Ammonti mhux riutilizzabbli	Ammont aċċettat approvat għas-SF2024	Pagamenti interim rimborżati lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja	Ammont li għandu jiġi rkuprat (–) mill-Istat Membru jew li għandu jitħallas lilu (+) (*)
		i	ii	iii = i + ii	iv	v = iii – iv	vi	vii = v – vi
AT	2023AT06AFSP001	236 554 703,85	0,00	236 554 703,85	0,00	236 554 703,85	236 554 703,85	0,00
BE	2023BE06AFSP001	7 315 331,20	0,00	7 315 331,20	0,00	7 315 331,20	7 354 033,34	- 38 702,14
BE	2023BE06AFSP002	15 354 099,78	0,00	15 354 099,78	0,00	15 354 099,78	15 354 099,78	0,00
BG	2023BG06AFSP001	41 549 938,21	0,00	41 549 938,21	0,00	41 549 938,21	41 549 910,31	27,90
CY	2023CY06AFSP001	15 166 625,59	0,00	15 166 625,59	0,00	15 166 625,59	15 166 625,59	0,00
CZ	2023CZ06AFSP001	138 680 708,39	0,00	138 680 708,39	0,00	138 680 708,39	138 680 783,15	- 74,76
DE	2023DE06AFSP001	513 063 943,46	0,00	513 063 943,46	0,00	513 063 943,46	513 125 771,19	- 61 827,73
DK	2023DK06AFSP001	44 961 708,98	0,00	44 961 708,98	0,00	44 961 708,98	44 961 708,98	0,00
EE	2023EE06AFSP001	28 484 839,61	0,00	28 484 839,61	0,00	28 484 839,61	28 585 105,10	- 100 265,49
ES	2023ES06AFSP001	356 147 959,34	0,00	356 147 959,34	0,00	356 147 959,34	357 025 719,99	- 877 760,65
FI	2023FI06AFSP001	246 782 103,83	0,00	246 782 103,83	0,00	246 782 103,83	246 782 193,26	- 89,43
FR	2023FR06AFSP001	1 033 425 693,62	0,00	1 033 425 693,62	0,00	1 033 425 693,62	1 033 629 669,05	- 203 975,43
EL	2023EL06AFSP001	157 529 586,36	0,00	157 529 586,36	0,00	157 529 586,36	157 529 601,21	- 14,85
HR	2023HR06AFSP001	115 754 708,93	0,00	115 754 708,93	0,00	115 754 708,93	115 755 552,33	- 843,40
HU	2023HU06AFSP001	220 631 811,58	0,00	220 631 811,58	0,00	220 631 811,58	220 631 830,20	- 18,62
IE	2023IE06AFSP001	309 018 458,47	0,00	309 018 458,47	0,00	309 018 458,47	309 018 458,47	0,00
IT	2023IT06AFSP001	467 957 355,50	0,00	467 957 355,50	0,00	467 957 355,50	468 122 339,43	- 164 983,93
LT	2023LT06AFSP001	56 036 737,08	0,00	56 036 737,08	0,00	56 036 737,08	56 036 738,95	- 1,87
LU	2023LU06AFSP001	9 103 485,58	0,00	9 103 485,58	0,00	9 103 485,58	8 879 485,57	224 000,01

F'euro

Stat Membru	CCI	Nefqa għas-SF2024	Korrezzjoni-jiet	Total	Ammonti mhux riutilizzabbli	Ammont aċċettat approvat għas-SF2024	Pagamenti interim rimborżati lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja	Ammont li għandu jiġi rkuprat (–) mill-Istat Membru jew li għandu jitħallas lilu (+) (*)
		i	ii	iii = i + ii	iv	v = iii – iv	vi	vii = v – vi
LV	2023LV06AFSP001	46 011 507,60	0,00	46 011 507,60	0,00	46 011 507,60	46 011 507,60	0,00
MT	2023MT06AFSP001	2 323 343,04	0,00	2 323 343,04	0,00	2 323 343,04	2 323 615,75	- 272,71
NL	2023NL06AFSP001	126 476 696,16	0,00	126 476 696,16	0,00	126 476 696,16	126 451 587,77	25 108,39
PL	2023PL06AFSP001	105 933 014,77	0,00	105 933 014,77	0,00	105 933 014,77	108 779 598,74	- 2 846 583,97
PT	2023PT06AFSP001	122 907 001,35	0,00	122 907 001,35	0,00	122 907 001,35	130 524 049,96	- 7 617 048,61
RO	2023RO06AFSP001	223 040 990,59	0,00	223 040 990,59	0,00	223 040 990,59	222 917 219,46	123 771,13
SE	2023SE06AFSP001	122 379 428,00	0,00	122 379 428,00	0,00	122 379 428,00	122 399 835,95	- 20 407,95
SI	2023SI06AFSP001	61 140 675,42	0,00	61 140 675,42	0,00	61 140 675,42	61 140 679,38	- 3,96
SK	2023SK06AFSP001	119 955 638,51	0,00	119 955 638,51	0,00	119 955 638,51	119 957 497,84	- 1 859,33

(*) L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati (–) mill-Istat Membru jew imħallsa lilu (+) jinkludu l-fondi riutilizzabbli permezz ta' riallokazzjoni mill-Istat Membru konċernat skont l-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) 2021/2116

ANNESS II

Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Aġenziji tal-Pagamenti

Sena finanzjarja SF2024 — FAEŻR

Tnaqqis għan-nuqqas ta' konformità mal-aħħar skadenzi għall-pagamenti f'konformità mal-Artikolu 44(2) tar-Regolament (UE) 2021/2116

F'euro

Stat Membru	CCI	Tnaqqis għan-nuqqas ta' konformità mal-aħħar skadenzi għall-pagamenti għas-SF2024
AT	2023AT06AFSP001	0,00
BE	2023BE06AFSP001	0,00
BE	2023BE06AFSP002	0,00
BG	2023BG06AFSP001	0,00
CY	2023CY06AFSP001	0,00
CZ	2023CZ06AFSP001	0,00
DE	2023DE06AFSP001	0,00
DK	2023DK06AFSP001	0,00
EE	2023EE06AFSP001	0,00
ES	2023ES06AFSP001	0,00
FI	2023FI06AFSP001	0,00
FR	2023FR06AFSP001	0,00
EL	2023EL06AFSP001	0,00
HR	2023HR06AFSP001	0,00
HU	2023HU06AFSP001	0,00
IE	2023IE06AFSP001	0,00
IT	2023IT06AFSP001	0,00
LT	2023LT06AFSP001	0,00
LU	2023LU06AFSP001	0,00
LV	2023LV06AFSP001	0,00
MT	2023MT06AFSP001	0,00
NL	2023NL06AFSP001	0,00
PL	2023PL06AFSP001	0,00
PT	2023PT06AFSP001	0,00
RO	2023RO06AFSP001	0,00
SE	2023SE06AFSP001	0,00
SI	2023SI06AFSP001	0,00
SK	2023SK06AFSP001	0,00